# Ir-Rata tal-Qgħad: April 2024

**NR 097/2024** **Data tal-Ħruġ: 27 ta' Mejju 2024**

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' April 2024 kienet ta' 3.1 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel.*



**Il-fatturi li wasslu għar-rata tal-qgħad tax-xahar aġġustata bl-istaġun**

F'April 2024, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.1 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel, u tnaqqis ta' 0.2 punti perċentwali fuq April 2023 (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

F'April 2024, l-għadd ta' nies qiegħda kien ta' 9,900, b'dawk il-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena jkunu dawk li kellhom l-akbar sehem mil-livell kollu tal-qgħad. L-għadd ta' żgħażagħ qiegħda, aġġustat għall-effetti tal-istaġun, ammonta għall-2,038, mentri l-għadd ta' nies qiegħda li kellhom bejn il-25 u l-74 sena ammonta għal 7,862 (Tabella nru 2).

## Ċart nru 1. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, aġġustata għall-effetti tal-istaġun




F'April 2024, ir-rata tal-qgħad għall-irġiel kienet ta' 3.5 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla ma' Marzu 2024. Sadattant, ir-rata għan-nisa kienet ta' 2.6 fil-mija, li b'hekk baqgħet bħalma kienet fix-xahar ta' qabel (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) naqset għal 7.1 fil-mija, filwaqt li dik għal persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena kienet ta' 2.7 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla ma' Marzu 2024 (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun

